MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 161/2002/1

**Costantino u Vincenza mizzewgin Abela**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Lulju, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentata mill-atturi fl-4 ta' Marzu, 2002, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta illi thallas lill-atturi s-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti in linea ta' danni sofferti minnhom bhala sidien tal-pompa tal-petrol Abela Service Station, Mosta Road, Lija wara li l-Korporazzjoni konvenuta f'Gunju 2000 forniet lill-atturi b'konsenja ta' petrol bla comb li wara

rrizulta li kienet imhallta bid-diesel u dan oltre s-somma ta' elf, erba' mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm1,459) rapprezentanti bilanc ta' rifuzjoni dovuta lill-atturi mill-Korporazzjoni konvenuta wara li l-konsenja kontamonata fuq imsemmija giet ritornat lill-istess Korporazzjoni konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tal-5 ta' Jannar 2001 kontra l-Korporrazzjoni konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Gie dikjarat li t-talba ta' l-atturi ma teccedix is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li kkonsenjat petrol bla comb lill-pompa tal-petrol Abela Service Station, Mosta Road, Lija u dan ma kienx imhallat bid-diesel kif allegat mill-atturi, sidien tal-pompa tal-petrol in kwistjoni;
2. Illi ghalhekk, l-eccipjenti bl-ebda mod ma hi responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi;
3. Illi skond l-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti lanqas hi responsabbli li thallas s-somma ta' elf, erba' mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm1,459) rapprezentanti l-petrol bla comb kkonsenjat mis-socjeta' konvenuta ghax dan ma kienx kkontaminat kif allegat mis-socjeta' attrici;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-attur Constantino Abela huwa proprjetarju ta' Abela Service Station, f'Mosta Road, Lija. Fil-5 u s-6 ta' Gunju 2000 il-pompa kienet qed tforni l-*fuel* lil diversi klijenti taghha, izda fit-8 ta' Gunju, 2000 bdiet tircievi lmenti mill-klijenti specjalment minn George

Catania li huwa Direttur, Support Services tad-Dipartiment tal-Value Added Tax (VAT), fejn hafna mill-impjegati tad-Dipartiment li hadu *fuel* mill-pompa ta' l-attur bdew jimentaw illi l-vetturi ma kienux qed jahdmu tajjeb.

Il-Korporazzjoni Enemalta baghtet spetturi sabiex jaghmlu t-testijiet. Dawn it-testijiet ma kienux ta' certa sofistikazzjoni u ghall-ewwel ma ndikaw xejn. Izda s-Sur Catania ma kienx kuntent bir-rizultat ta' l-ispetturi u baghat kampjuni lill-Universita' sabiex jigu ezaminati hemmhekk.

Skond rapport tal-Professur Vella, Dok. GC2 [fol. 37] instab illi l-kampjuni kienu kontaminati b'34% diesel. Il-bqija tal-kampjun kien petrol bla comb.

Dan ir-rizultat gie accettat mill-Korporazzjoni konvenuta, u skond Kenneth Abela a fol. 82, jghid illi l-kaz deher genwin, accettaw ir-rizultat ta' l-analizi maghmul mill-Universita' u jghid, "Dan ifisser li l-*fuel* kien kontaminat u mhux tajjeb ghall-uzu." Ghalhekk ordna li l-*fuel* jigi mehud lura fid-depot ta' l-Enemalta, kif fil-fatt sar. Imbaghad baghat *credit note* fl-ammont ta' tmien t'elef, hames mija u tmienja u tletin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm8,538.82), li jirrifletti l-persentagg bejn petrol bla comb u diesel.

L-attur mhuwiex sodisfatt b'din ic-cifra, peress illi huwa hallas ghal petrol bla comb, li kien jiswa disat elef, disa' mija u tmienja u disghin lira Maltin u sabatax-il centezmu (Lm9,998.17). B'verbal tad-19 ta' Jannar, 2004 [fol. 46] il-partijiet qablu illi dan kien il-valur ta' *fuel* li orignarjament kien konsenjat lill-atturi. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-verbal iehor tat-2 ta' Frar, 2003 [fol. 26] fejn inghad illi, "Il-partijiet jiddikjaraw illi ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont ta' danni li qed jitolbu l-atturi fl-isfond tal-lista esebita llum, oltre l-ammont indikat fl-Avviz."

Il-lista tirreferi ghal Dok. CA1 a fol. 28, liema lista globalment iggib ic-cifra ta' disa' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm978.67). Dan, abbinat mat-talba ta' l-attur fl-Avviz ta' elf, erba' mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm1,459) illi hija d-differenza

bejn il-valur originarjament ikkonsenjat u l-*credit note* mibghuta mill-Korporazzjoni konvenuta, igib l-ammont ta' danni fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u sebgha u sittin cenetezmu (Lm2,437.67).

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi kien hemm xi element ta' traskuragni minn naha tal-Korporazzjoni konvenuta meta hija baghtet *fuel* ikkontaminat lill-pompa ta' l-atturi. Dan il-*fuel* kien il-kawza ta' diversi hsarat fil-vetturi tal-klijenti ta' l-atturi. Il-Korporazzjoni konvenuta rrikonoxxiet l-izball taghha u baghtet *credit note* permezz ta' ittra tas-6 ta' Lulju, 2000.

Pero', c-cifra mahduma f'din il-*credit note* mhijiex wahda korretta. Kif tajjeb argumenta l-attur, huwa hallas ghall-konsenja ta' petrol bla comb u kellu jircievi rifuzjoni tal-hlas illi huwa ghamel ta' dan il-*fuel*. Ghalhekk, bir-ragun qed jitlob il-bilanc ta' elf, erba' mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm1,459), li hija d-differenza bejn il-valur originarjament ikkonsejat u l-*credit note*.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill- Korporazzjoni konvenuta illi thallashom s-somma ta' (Lm978.67) in linea ta' danni sofferti minnhom bhala sidien ta' pompa tal-petrol Abela Service Station, f'Mosta Road, Lija wara li l-korporazzjoni konvenuta f'Gunju 2000 forniet lill-attur b'konsenja ta' petrol bla comb illi wara rrizulta illi kienet imhallta bid-diesel u dan oltre s-somma ta' elf, erba' mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm1,459) rapprezentanti bilanc ta' rifuzjoni dovuta lill-atturi mill-Korporazzjoni konvenuta. B'kollox l-ammont li ghandu jithallas huwa ta' elfejn, erba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm2,437.67).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra l-Korporazzjoni konvenuta."

Fil-kontront ta’ din is-sentenza l-Korporazzjoni Enemalta, filwaqt li akkwietat ruhha ghal dak li rreteniet l-ewwel Qorti fir-rigward tas-somma ta’ elf, erba’ mija u disgha u hamsin lira Maltija (Lm1459) rapprezentanti l-bilanc tar-rifuzjoni dovut ghall-*fuel* komprat, iddeduciet gravam kontra dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha giet ikkundannata tirrizarcixxi s-somma ta’ disa’ mija u tmienja u sebghin lira, sebgha u sittin centezmu (Lm978.67) in linea ta’ danni. Konsegwentement, talbet ir-riforma ta’ l-istess sentenza bil-motiv illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u, inoltre, ma pprovdietx raguni l-ghala hi kellha tigi inkolpata bi traskuragni;

Essenzjalment, il-Korporazzjoni appellanti tirpoza c-censura taghha fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata fuq dawn il-binarji:-

(i) Il-fatt li hi irrilaxxjat *credit note* lill-atturi ma kellux jigi tradott bhala ammissjoni ta’ xi kolpa da parti taghha;

(ii) Il-fatt li hi battlet lura l-*fuel* mill-pompa ta’ l-atturi ma kellux ifisser li dak il-*fuel* kien ikkontaminat b’ xi tort taghha;

(iii) L-atturi ma gabu ebda prova cara u inekwivoka li l-*fuel* kien diga` kkontaminat meta telaq mid-*depot* taghha;

Sostanzjalment, fis-semplicita` taghhom il-fatti li taw lok ghall-azzjoni promossa mill-atturi huma dawn. L-atturi xtraw minghand il-Korporazzjoni konvenuta kwantita` ta’ *unleaded petrol* ghall-pompa taghhom f’ Hal Lija. Minhabba lmenti avvanzati mill-klijenti taghhom, dan il-*fuel* gie analizzat u nstab mit-testijiet kondotti mid-Dipartiment tal-Kimika fl-Universita` illi dan kien jikkontjieni tahlita ta’ *diesel fuel*. (Ara rapport tal-Prof. Alfred Vella a fol. 37). Min kien lahaq akkwista minn dan il-*fuel* ressaq talbiet ghad-danni u l-atturi ppretendew r-rimbors taghhom minghand il-Korporazzjoni;

Jigi osservat qabel kull konsiderazzjoni ta’ l-aspetti singolari ta’ l-aggravju dedott illi in tema ta’ responsabilita` rizarcitorja tal-venditur ghall-vizzji fil-haga illi, anke fil-kaz ta’ rivendita ta’ prodott industrijali destinat ghad-distribuzzjoni, ir-rivenditur irid jipprova illi hu vverifika l-istat u l-kwalita` tal-prodott, oltre dik tal-kontroll, b’ mod adegwat, ta’ l-assenza tal-vizzji tal-prodott hekk iddestinat minn min jixtrih ghal distribuzzjoni wiesgha. Dan hu hekk impost fuqu skond id-dettami ta’ dik id-diligenza normali li jipprecizaw disposizzjonijiet varji taht il-Kodici Civili. Ir-raguni ghal dan hi wahda ovvja u tikkonsisti fil-htiega ta’ dak il-kontroll intiz “*di evitare che notevoli quantitativi di merce presentino gravi vizi di composizione o di conservazione, anche alla stregua della destinazione della merce stessa e della conseguenziale attitudine ad arrecare nocumento*” (**Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni, 30 ta’ Awissu 1991 Numru 9277** u **26 ta’ Novembru 1997, Numru 11845**);

Dan premess, haga naturali hu l-attur li jrid jipprova l-kolpa f’ min ikkagunalu d-dannu, ghax, kif jinsab ritenut, “*fa mestiere che chi reclami l’ indennizzo riesce a provare non solo l’ atto o l’ omissione colposa del denunciato, ma altresi che l’ atto o l’ omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregudizio sofferto dall’ istante*” (**Kollez. Vol. XXVII P I p 687**);

Il-Korporazzjoni appellanti tissottometti li l-atturi appellati ma ddizempenjawx ruhhom f’ dan il-kuntest u naqsu li jgibu dik il-prova soda li l-*fuel* kien hekk kontaminat meta telaq mid-*depot* taghha. Opportunement, bi twegiba ghal din is-sottomissjoni, ghandu jigi mfakkar illi l-principju suddett ma jfisserx illi l-gudikant ghandu bilfors jakkwizixxi tali prova mill-materjal probatorju offert mid-danneggjat. Dan ghaliex il-prova tal-kolpa tista’ tkun dezunta minn fatti u cirkostanzi li juru l-impronta tal-htija. Tista’ wkoll tkun prezunta in bazi ghall-massima “*id quod plerumque accidit*”, tenut rigward ghall-fatt li mhux dejjem hu agevoli ghall-atturi l-akkwist tal-prova diretta;

Issa f' dan il-kaz hi ta' rilevanza l-accettazzjoni da parti tal-Korporazzjoni appellanti illi l-*fuel de quo* kien kontaminat. Mhux dan biss, pero`. Jekk kif argomentat u suggerit minnha kien hemm il-possibilita` li, fuq l-istruzzjonijiet ta' iben l-atturi, il-*fuel* tqieghed f' tank zbaljat, wiehed logikament jistaqsi illi jekk it-tort tal-kontaminazzjoni kien ta' l-attur ghaliex, imbaghad, il-Korporazzjoni ddecediet li tiehu lura l-konsenja ta' l-istess *fuel* u tirrilaxxja *credit note*. Da parti taghha l-Korporazzjoni tiddefendi ruhha bil-kontenzjoni illi dan ghamlitu biex is-*service station* ikun f' qaghda li jkompli jfornixxi lill-klijenti tieghu b' *fuel* mhux ikkontaminat. Jekk dan hu hekk, l-anqas li kien mistenni minnha kien li fil-mument opportun tiddikjara b' rizerva illi l-fatt tal-kontaminazzjoni ma kellux, ghar-raguni tat-tehid lura minnha tal-*fuel*, jigi rinfaccjat lilha. Dan ma ghamlitux u minflok issa tippretendi li din il-Qorti ghandha taccetta l-proposizzjoni taghha illi dak li gara seta' kien tort ta' iben l-atturi. Bir-rispett kollu, mhux facli ghall-Qorti illi taccetta din il-mera supposizzjoni li, del resto, ma tinsab sorretta minn ebda prova fl-atti. Hi anzi l-fehma konsiderata tal-Qorti li kollox jindika, mic-cirkustanzi mehuda kollha flimkiec, illi din l-ispekulazzjoni tal-Korporazzjoni appellanti ma tregix u din ma rnexxiliex iggib, b' konvinciment, il-prova liberatorja aspettata minnha tan-nuqqas ta' htija.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-Korporazzjoni appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------